# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 67

12 ta' Lulju 2023

Is-sebgħa u sittin (67) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 12 ta' Lulju 2023 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku VB għamel riferenza għall-eks Viċi Sindku Mary Dimech li ħalliet din id-dinja fil-jiem li għaddew. Il-Kunsill esprima l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tas-Sa Dimech u offra minuta silenzju.**

## MINUTI

### 67.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

67.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 67.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

67.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sitta u sittin (66) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

67.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, AD, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

67.2.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li qed tastjeni minħabba li ma kinitx preżenti għal-laqgħa.

67.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 66.2.3 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE qal li l-Kunsill kien bagħat lil Infrastructure Malta iżda kien għadu ma ngħatax tweġiba. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

67.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 66.2.4 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos, u jekk kienx hemm xi risposta rigward il-fanali ornamentali. Is-SE nforma li ma kienx hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li terġa' tintbagħat tfakkira.

67.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 66.2.5 rigward il-kamera tas-sigurtà ta' Bieb il-Bombi u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta mingħand is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Lokali. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

67.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 66.4.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-possibbiltà li Triq Oliver Friggieri issir one way. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbagħat korrispondenza lit-Traffic Management Unit.

67.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 66.4.1 u staqsa jekk tistax tintbagħat informazzjoni lir-residenti għall-kunċerti li jkunu se jsiru, hekk kif kien maqbul mill-Kunsill preċedentement.

67.2.8.1. Is-Sindku qal li għall-aħħar kunċert kien irċieva xi ilmenti rigward l-għeluq tat-toroq għax jidher li ma kienux mxew mat-timetable maqbula.

67.2.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikkonferma liema toroq se jkunu magħluqin u f'liema ħinijiet u qabel ukoll li tali informazzjoni titqassam lir-residenti għall-informazzjoni tagħhom.

67.2.8.3. Il-Kunsillier JAE fakkar biex isir bus stop temporanju fi Triq Sant'Anna għal matul il-kunċert tal-Isle of MTV.

**Nota: 14:34 Is-Sindku talab li jkun skużat .**
**Nota: 14:36 Is-Sindku reġa' rritorna għal-laqgħa.**

67.2.9. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm risposta rigward ir-rikjesta biex isiru iktar rondi matul il-lokalità u dan in viżta tal-ammont ta' siringi li qed ikun hemm. Is-SE qal li kien informa lill-Pulizija bit-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta d-diffikultajiet li jiffaċċja f'dan ir-rigward fejn diversi entitajiet jirrifjutaw li jiġbru dawn is-siringi, li sfortunatament jikkawża detriment għar-residenti u għal saħħithom.

67.2.10. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 66.4.1.1 u qalet li hemm xi tabelli relatati mal-iskart li ma kienux għadhom validi u talbet li jiġu aġġornati. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jaġġorna t-tabelli.

## 67.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

67.3.1. Is-Sindku għamel riferenza għal kunċert tal-Isle of MTV u rrefera għal żewġ bars/ristoranti li hemm fil-lokalità li jinsabu qrib il-Fosos. Huwa qal li ta' kull sena, dawn jingħataw permess sabiex ibiegħu mill-ħanut tagħhom xortawaħda wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-organizzatur. Fil-każ tal-BBC Orchestra, l-organizzaturi barranin jirrifjutaw li jinħarġu dawn il-permessi peress li fil-ftehim bejn il-Kunsill u l-MTA hemm klawżola li tgħid li f'attivitajiet organizzati mill-MTA ma jingħatawx permessi temporanji. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-organizzaturi għaliex huwa importanti li n-negozji jitħallew joperaw u jgawdu l-ftit gwadann li għandhom minn dawn il-kunċerti.

67.3.1.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm bżonn tiskuża ruħha peress li n-neputi kellu kjosk. Il-Kunsill qabel li ma kienx hemm bżonn minħabba li ma kienux ser jiġu diskussi jew jittieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tal-kjoskijiet.

67.3.1.2. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċara li l-permess mhux qed jirrifjutah il-Kunsill iżda l-organizzaturi, għaliex huwa faċli li l-Kunsill joħroġ il-permess iżda mhuwiex ġust li mbagħad ma jitħallewx jarmaw xorta waħda.

67.3.1.3. Is-SE nforma li l-MTA kienet infurmat lill-Kunsill li l-Pulizija informawhom li ma kienx hemm bżonn li jħallsu l-permess għall-armar ta' kjosk ġaladarba l-permess ikun ingħata mill-Pulizija. Is-SE qal li kien talab lill-MTA sabiex jibgħatu din il-korrispondenza bil-miktub.

67.3.1.4. Is-Sindku għamel riferenza għall-bidla riċenti li saret fil-liġi u għall-kwistjoni relatata mal-Malta Fashion Awards u ta rendikont tas-sitwazzjoni. Il-Kunsill innota dan.

67.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna fejn offra lill-Kunsill li jixtri pulptu tal-kartun għal prezz ta' €1000. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-artist iġib il-mudell sabiex il-Kunsill ikun jista' jarah.

67.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Senior Citizens li talbu li jsir spazju ta' parkeġġ riservat quddiemhom sabiex ikunu jistgħu jinqdew il-membri tagħhom meta jiltaqgħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom id-dettalji ta' meta jiltaqgħu u x'ħinijiet u dan sabiex il-parkeġġ ma jkunx riservat għal ġurnata sħiħa jekk ma jkunx hemm bżonn.

67.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija fejn talbu l-appoġġ tal-Kunsill għall-inizjattiva tagħhom. Is-SE qal li għandu jgħaddilhom id-dokumenti u l-ħolqa li hemm fl-email.

67.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Police General Headquarters fejn talbu li jsiru speedbumps u zebra crossing quddiemhom sabiex l-uffiċjali jkunu jistgħu jaqsmu b'sigurta'. Il-Kunsill qabel mal-ispeed bumps iżda mhux maż-zebra crossing. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiddiskuti din il-proposta.

67.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw li qed joffru assigurazzjoni tas-saħħa għall-membri eletti. Is-Sindku qal li min hu interessat għandu jieħu ħsieb jinforma lill-amministrazzjoni sad-data tal-għeluq.

67.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Żgħażagħ Ħaddiema Nsara li talbu l-permess tal-Kunsill sabiex juru film u suġġerimenti fejn jista' jintwera. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi li l-iskrin jitwaħħal mal-fence tal-piċċ sintetiku.

67.3.8. Is-Sindku ressaq talba mis-SE fir-rigward tal-proġett tas-Senior Citizen Centre sabiex tintalab estensjoni sa Frar 2024 biex jiġu finalizzati x-xogħolijiet u l-pagamenti relatati. Il-Kunsill approva.

## 67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

67.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax titneħħa s-siġra li hemm meta wieħed ikun tiela' ħdejn il-piċċ li hemm viċin tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem m'Ambjent Malta sabiex jara x'jista' jsir biex ma tkomplix issir ħsara lill-piċċ.

67.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk inżabarx il-ħaxix tal-Polverista. Is-SE wieġeb li dan ix-xogħol sar f'Ġunju u għandu jerġa' jsir f'Settembru.

67.4.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-tabelli u s-sinjali tal-veloċità ta' Triq Sant'Anna. Is-SE qal li meta ltaqa' ma' Infrastructure Malta, kien informat li kellha titressaq proposta lil

Transport Malta kemm għas-sinjali u kemm għall-barriers. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

67.4.4. Il-Kunsillier JAE talab lill-Kunsill jekk jistax jibda' jsir il-ħasil tal-bankini. Il-Kunsilliera SSH qalet li huwa importanti li l-bankini jingħorku sew u mhux biss jintefa' l-ilma. Il-Kunsill qabel li għandu jħalli l-Isle of MTV jgħaddi qabel jibda' l-ħasil, u li għandu jimxi mar-roster li ntuża s-sena l-oħra.

67.4.5. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għal Triq il-Miratur u staqsa jekk hux possibbli li jitwaħħlu xi bollards. Is-SE qal li peress li l-bankina kienet taż-żonqor, wieħed irid jiċċekkja jekk il-bollards kienux diġà mwaħħlin u għalhekk hux diġà' hemm toqob, jew jekk tridx issir applikazzjoni mil-bidu. Is-Sindku qal li minflok, il-Kunsill jista' jikkunsidra li jsiru bollards mingħajr ma jsiru toqob ġol-bankini.

67.4.6. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp fuq il-kwistjoni tal-fanali ornamentali. Il-Viċi Sindku AD qal li jaħseb li jaf fejn jinsabu iżda għadu jrid jikkonferma.

67.4.7. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-pots il-kbar li kien hemm ħdejn il-Knisja. Is-SE wieġeb li l-pots imkissrin kienu tneħħew u nġiebu l-kunsill.

67.4.7.1. Il-Kunsillier JAE qal li sfortunatament il-pots kienu jitħallew bla xtieli.

67.4.7.2. Il-Kunsill qabel li x-xtieli ta' ġol-pots għandhom ikunu parti mil-kuntratt tas-soft areas.

67.4.7.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien hemm bżonn li ssir żabra sew fil-bitħa tal-Housing Area. Is-Sindku qal li kien diġà nforma lill-kuntrattur dwar dan u li għandu jerġa' jċempillu sabiex ifakkru. Il-Kunsill qabel li għandu jitolbu biex il-ħaddiem imur il-Kunsill ħalli jkunu jistgħu jindikawlu eżatt fejn.

67.4.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hemmx baġit biex isiru żewġ kameras fiż-żona ta' Balzunetta.

67.4.8.1. Is-Sindku VB qal li hemm ċans li l-Kunsill jieħu fondi mir-Reġjun Port biex jintużaw għall-kameras.

67.4.8.2. Is-SE fakkar li l-Kunsill kien ressaq proposti quddiem l-ERA iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

**<u>Nota: 16:03 Il-Viċi Sindku AD talab li jkun skużat.</u>**

67.4.8.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jibda' billi jistalla kamera waħda ħdejn il-GHRC.

**<u>Nota: 16:07 Il-Viċi Sindku AD reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

67.4.9. Il-Kunsilliera SSH talbet li waqt li jkunu qed jinħaslu l-bankini, tinħasel ukoll il-parti tal-Floriana Nursery. Is-Sindku ppropona li jsir ukoll ħdejn il-Klabb tal-Boċċi. Il-Kunsill qabel.

67.4.10. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistax jibda jintalab in-numru tat-telefon ta' min iċempel biex jibbukkja s-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Hija qalet li qed ikun hemm diversi istanzi fejn l-affarijiet jinħarġu qabel u għalhekk huwa tajjeb li jkun hemm mod kif il-Kunsill ikun jista' jikkuntattja lil min ikun qed jabbuża.

67.4.10.1. Is-Sindku qal li jkun aħjar hekk tali ilmenti jmorru għand il-Pulizija għax il-Kunsill m'għandux l-infurzar meħtieġ.

67.4.10.2. Is-SE qal li meta l-oġġett jinħareġ minn lejliet, irid jasal l-għada sabiex ikun infurmat u ġeneralment ikun tard wisq u ma jkunx hemm il-provi neċessarji. Għalhekk ikun aħjar jekk l-ilment u l-provi jintbagħtu mill-ewwel lill-Pulizija sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni immedjata.

67.4.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għax-xogħol li kien sar taħt il-loġoġ u qalet li dan għadu mhux aċċettabbli għax hemm grouting nieqes u dislivell fost nuqqasijiet oħrajn.

67.4.11.1. Is-Sindku qal li għandu jiċċekkja jekk jistax jinxtara l-irħam mill-Kunsill u jitwaħħal mil-Public Works, sabiex ix-xogħol ikun jista' jimxi. Huwa qal li kien hemm problemi oħra bħalma hu d-drenaġġ li ma setax isir mil-Kunsill.

67.4.11.2. Il-Viċi Sindku AD qal li għandu jieħu ħsieb ikellem lil min hu responsabbli.

67.4.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal servizz li sar minn TVM fejn kienet ingħatat misinformazzjoni fir-rappurtaġġ fejn intqal li l-Malta Fashion Awards kienu qed isiru l-Belt Valletta. Is-SE qal li huwa tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni biex ikun hemm kjarifika min-naħa ta' TVM meta jkun ser jerġa' jixxandar il-filmat.

67.4.12.1. Is-SE qal li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-amministratur tas-sistema tal-permessi minħabba li Pjazza Tritoni kienet imniżżla kemm bħala Belt Valletta kif ukoll bħala Floriana. Huwa qal li jinsab infurmat li din għandha tiġi rranġata.

67.4.13. Il-Kunsilliera SSH qalet li r-residenti kienu rringrazzjaw lill-Kunsill tax-xogħol li sar ħdejn Steve Salon. Il-Kunsill innota dan.

## 67.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

67.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 67.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

67.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 50/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

67.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 67.7 WORLD CLEANUP DAY

67.7.1. Is-Sindku qal li l-World Clean Up Day ser issir nhar is-16 ta’ Settembru.

67.7.2. Huwa żied jgħid li l-Kunsill ser jingħata xi fondi biss l-ammont għadu mhux konfermat.

67.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jnaddaf sew iż-żona ta’ Pjazza Robert Samut u jekk ikun hemm biżżejjed attendenza, ikun jista’ jnaddaf ukoll iż-żona ta’ madwar il-health centre.

## 67.8 KUMITAT JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA

67.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien kuntent ħafna bl-attendenza dakinhar tat-tpoġġija tal-fjuri quddiem il-monument ta’ Vilhena.

67.8.2. Huwa qal li jixtieq li għas-sena d-dieħla jkun hemm sensiela t’attivitajiet u għalhekk ppropona li kulħadd jippreżenta l-ideat tiegħu sabiex ikun hemm attivitajiet imqassmin fuq numru ta’ ġranet.

## 67.9 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

67.9.1. Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u b’riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 t’Awwissu 2023 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum** il-Ħamis 10 ta’ Awwissu 2023

(iffirmati)

Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv